

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 10.7.2008
KUMM(2008) 440 finali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim
bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq naħa waħda, u l-Ghana, fuq in-
naħa l-oħra**

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-proposta meħmuża tikkostitwixxi l-istrument ġuridiku għall-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja ta' Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (EPA) interim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u l-Ghana, fuq in-naħa l-oħra: Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja ta' l-EPA interim.

Kif imħabbar fil-Komunikazzjoni tal-Kunsill u l-Parlament Ewropew datata 23 ta' Ottubru 2007, l-EPA interim ġie nnegożjat mal-Ghana sabiex jiġi evitat xkiel fil-kummerċ bejn dan il-pajjiż u l-Komunità wara l-iskadenza fil-31 ta' Diċembru 2007 tad-dispożizzjonijiet kummerċjali stabbiliti fl-Anness V tal-Ftehim ta' Cotonou u d-deroga tad-WTO li kopriethom, u sakemm jitlesta EPA komprensiv mar-reġjun kollu ta' l-Afrika tal-Punent¹. Wara l-qbil ta' dan il-Ftehim fit-13 ta' Diċembru 2007, il-Ghana żdied mal-lista ta' pajjiżi li jibbenefikaw minn reġim kummerċjali ta' EPA stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007, adottat fl-20 ta' Diċembru 2007. Dan ir-Regolament stipula applikazzjoni avvanzata għar-reġim kummerċjali ta' l-EPA. Wara l-qbil ta' l-EPA interim fis-7 ta' Diċembru 2007, il-Kosta ta' l-Avorju żdied mal-lista wkoll. Peress li l-Pajjiżi l-Inqas Żviluppati (LDC), il-pajjiżi l-oħrajn kollha ta' l-Afrika tal-Punent, ħliet in-Niġerja u l-Kap Verde, huma suġġetti għall-inizjattiva Kollox Ħliet l-Armi (EBA) mill-1 ta' Jannar 2008 li toffri kwoti bla dazju u aċċess liberu fis-suq tal-KE għall-prodotti kollha ħliet l-armi. Il-Kap Verde fl-1 ta' Jannar 2008 ngħata l-grad ta' l-istatus ta' mhux LDC imma ngħata estensjoni ta' tliet snin li matulhom se jibbenefika xorta mir-reġim EBA, kif previst mir-Regolament tal-Kunsill Nru 980/2005 tas-27 ta' Ġunju 2005 li japplika skema ta' preferenzi ta' tariffi ġeneralizzati (GSP). In-Niġerja, li mhix LDC, kienet offruta l-possibiltà li tinnegożja EPA interim ekwivalenti għal dawk innegożjati mal-Kosta ta' l-Avorju u l-Ghana imma ddeċidiet li ma tagħmilx hekk. Għaldaqstant, huma suġġetti għal reġim ta' GSP regolari sa mill-1 ta' Jannar 2008.

In-negożjar ta' EPA sħiħ mar-reġjun kollu ta' l-Afrika tal-Punent ikompli, b'mod konsistenti mad-direttivi ta' negożjar għal EPAs ma' l-Istati ta' l-AKP adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Ġunju 2002.

L-EPA interim fih dispożizzjonijiet dwar il-Kummerċ tal-Merkanzija, it-Tħaffif tad-Dwana u l-Kummerċ, Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ u Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji. Hemm ukoll dispożizzjonijiet dwar Kooperazzjoni fl-Iżvilupp li jistipulaw l-oqsma ta' prijorità ta' azzjoni għall-implimentazzjoni ta' l-EPA. Kull kapitolu individwali sostantiv tal-Ftehim jinkludi oqsma speċifiċi ta' kooperazzjoni u dikjarazzjoni dwar il-Kooperazzjoni fl-Iżvilupp tistabbilixxi r-rabta ma' l-Istrateġija ta' l-UE ta' Għajnuna għall-Kummerċ u tfakkar l-intenzjoni tal-Kummissjoni u ta' l-Istati Membri li jikkontribwixxu għal fond ta' żvilupp reġjonali. Il-Ftehim ibassar ukoll it-tkomplija tan-negożjati fil-livell reġjonali dwar l-investment, is-servizzi u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ u jistipula li l-EPA reġjonali sħiħ se joħodlu postu ladarba jiġi konkluż.

Sakemm jidħol fis-seħħ l-EPA interim, l-EPA interim jipprevedi l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim.

¹ Il-pajjiżi ta' dan ir-reġjun huma l-Benin, Burkina Faso, il-Kosta ta' l-Avorju, Il-Ginea Bissaw, il-Mali, in-Niġer, is-Senegal, it-Togo, il-Kap Verde, il-Gambja, il-Ghana, Il-Ginea, il-Liberja, in-Niġerja, Sierra Leone u l-Mawritanja.

Il-Kummissjoni titlob lill-Kunsill:

- biex jawtorizza l-firma, f'isem il-Komunità Ewropea, ta' l-EPA mal-Ghana;
- biex japprova l-applikazzjoni provviżorja ta' l-EPA sakemm dan jidħol fis-seħħ;

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq naħa waħda, u l-Ghana, fuq in-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 133 u 181, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel sottoparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni²,

Billi:

- (1) Fit-12 ta' Ġunju 2002 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati għal Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika mal-pajjiżi ta' l-AKP.
- (2) In-negozjati ta' Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim (minn hawn 'il quddiem 'EPA interim') ġew konklużi mal-Ghana u kien hemm qbil dwar il-Ftehim fit-13 ta' Diċembru 2007.
- (3) L-Artikolu 75 ta' l-EPA interim jipprevedi l-applikazzjoni provviżorja tiegħu sakemm dan jidħol fis-seħħ.
- (4) L-EPA interim għandu jkun iffirmit f'isem il-Komunità u applikat fuq bażi provviżorja suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim bejn il-Ghana u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità, suġġett għad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tikkonċerna l-konklużjoni ta' l-imsemmi Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim.

It-test tal-Ftehim huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

² ĠU C [...], [...], p. [...].

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar lill-persuna/i mogħtija setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem il-Komunità Ewropea suġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 3

Il-Ftehim għandu jkun applikat fuq bażi provviżorja kif stipulat fl-Artikolu 75 tal-Ftehim, sakemm titlesta l-proċedura għall-konklużjoni. Il-Kummissjoni għandha tippubblika notifika li tagħti tagħrif dwar id-data ta' l-applikazzjoni provviżorja.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

[...]

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦAL PROPOSTI LI
GĦANDHOM IMPATT FUQ IL-BAĠIT ESKLUSSIVAMENT LIMITAT GĦAN-
NAĦA TAD-DĦUL

1. ISEM IL-PROPOSTA:

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq naħa waħda, u l-Ghana, fuq in-naħa l-oħra

2. IL-LINJI TAL-BAĠIT:

Il-Kapitolu u l-Artikolu: 12/120

Ammont stmat għas-sena kkonċernata: **16 431 900 000 (Baġit 2008)**

3. IMPATT FINANZJARJU

- ☒ Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja
- ☐ Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq l-infiq, iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul – l-effett huwa kif ġej:

4. MIŻURI KONTRA L-FRODI

Biex tħares l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet mill-frodi u irregolaritajiet oħrajn, il-Kummissjoni tista' twettaq kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post skond l-Artikolu 21, tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim. Fejn ikun meħtieġ, għandhom jitwettqu investigazzjonijiet mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u dawn għandhom jiġu rregolati mir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Il-Kummissjoni se twettaq kontrolli regolari fuq il-post u li jkunu bbażati fuq id-dokumenti.

5. RIMARKI OĦRAJN

It-tariffi kollha doganali li baqa' fuq il-prodotti li joriġinaw minn dawk ir-regġuni ta' l-AKP jew stati li kkonkludew in-negożjati dwar il-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika jew ftehimiet li jinkludu arranġamenti kummerċjali kompatibbli mad-WTO tneħħew permezz ta' l-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill 1528/2007. Għalhekk, ma hemm l-ebda impatt finanzjarju addizzjonali assoċjat ma' din il-proposta.